# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Charles Sciberras**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Charles Sciberras**, karta tal-identita' bin-numru 324775M fejn *in breve* ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda :-

1. Nhar id-19 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tas-13:00 ġewwa l-Awla numru 9 u 16 tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Malta ikkommetta serq ta' żewġ arloġġi liema serq huwa aggravate bil-lok għad-detriment ta' Frankie Mercieca detentur tal-karta tal-identita bin-numri 760357M u/jew persuni jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikoli 285, 261(e) u 269(b) tal-Kodiċi Kriminali;
2. talli fl-1 ta' Lulju 2014 għall-ħabta ta' 1005hrs ġewwa l-Imsida kkommetta serq sempliċi ta' tank tal-gass ta' ammont li ma jeċċedix il-

valur ta' €232.94 iżda li huwa ta' aktar minn €23.29 għad-detriment ta' Joseph Borg u dan bi ksur tal-Artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali;

3. aktar talli talli fl-1 ta' Lulju 2014 għall-ħabta ta' 1005hrs ta' filgħaxija fl-Imsida kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D, b'digriet datat 28 t'April 2014 li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaża ruħu kuljum u li ma jagħmilx reat ieħor; il-Qorti ġiet mitluba biex tirrevoka d-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imputat;
4. il-Qorti ġiet mitluba wkoll tikkunsidra lill-imputat bħala reċidiv bis-saħħa ta' sentenza impost fuqu mill-Qorti Kriminali liema sentenza ma tistax tiġi mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tal-4 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Anthony Cutajar, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 7 ta' Settembru 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Charles Sciberras** fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(e), 269(b), 281, 285, 289, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tas-27 t'Awissu 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul is-seduta tas-17 ta' Frar 2016 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-

miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

**Dwar l-ewwel imputazzjoni -**

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni resqet ix-xiehda ta' diversi ħaddiema tal-Qorti kif ukoll eżibiet kopja ta' CCTV footage. Il-Prosekuzzjoni ttenni li għalkemm ma hemmx evidenza diretta li turi li l-imputat seraq l-arloġġi in kwistjoni kellha evidenza ċirkostanzjali li turi li l-imputat kien dak li seraq l-arloġġi in kwisjoni u dan peress li jidher mic-CCTV footage jimxi fil-kuriduri tal-Qorti b'basket f'idu li fil-bidu kien magħluq u li aktar tard, wara li jingħad li jidher ħiereġ mill-Awla dan il-basket ma kienx għadu aktar mitwi iżda kien jidher li kien miżmum mill-ħoloq tiegħu u b'hekk jidher li kien jikkontjeni xi ħaġa li fil-bidu ma kienetx tidher.

Il-Prosekuzzjoni ma kienetx f'qagħda li tressaq prova diretta li turi li kien l-imputat li seraq l-arloġġ in kwistjoni. Ħadd mill-ħaddiema tal-Qorti li xehdu ma rnexxielu jara lill-imputat jisraq xi arloġġ. Huwa veru li c-CCTV footage juri lil persuna li tixbaħ lill-imputat timxi fil-kuriduri tal-Qorti viċin l-Awla numru 9. Din hija evidenza ċirkostanzjali

importanti.  Iżda biex il-Qorti tkun f'qagħda li ssib lill-imputat ħati in bażi għal evidenza indiretta u ċirkostanzjali, hija trid tkun moħħha mistrieħ li dik l-evidenza tkun univoka u mhux ekwivoka.  U trid tkun tali li tikkonvinċi lil-Qorti ta' kriminali ġudikatura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li jkun l-imputat, inkastrat minn dik l-evidenza indiretta u ċirkostanzjali, li jkun wettaq ir-reat de quo.

Illi f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li l-evidenza ċirkostanzjali prodotta mhix univoka u bħala konsegwenza din il-Qorti ma tistax serenament tistieħ fuqha billi tgħid li biha hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-basket in kwistjoni l-imputat kien qiegħed l-arloġġ li kien jinstab fl-Awla numru 9 u li kien għadu kif seraq.  Jista' jkun probabbli li hwkk seħħ.  Pero din il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tistax issib ħtija fuq bilanċ ta' probabbilita.  Il-Qorti għalhekk tqis li fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li seraq iċ-ċilindru tal-gass in kwistjoni.  Din il-konklużjoni il-Qorti tista' tasal għaliha in bażi :

(a) għax-xiehda ta' Ġuża Debattista li tidentifika lill-imputat bħala dak ir-raġel li ratlu wiċċu meta huwa seraq iċ-ċilindru tal-gass;
(b) għax-xiehda tal-lavrant Joseph Borg li ssaħħaħ dik ta' Ġuża Debattista.  Għalkemm Borg ma rax lill-imputat minn wiċċu, huwa kien f'qagħda li jidentifika n-numru tat-targa tar-

reġistrazzjoni tal-karozza misjuqa mill-imputat – AJT 111. Mix-xiehda tar-rappreżentant tat-TM Karen Cremona jirriżulta li din il-vettura Peugoet ta' kulur abjad ġiet reġistrata fuq isem l-imputat fit-2 ta' Settembru 2014 – u ċjoe **<u>wara</u>** li seħħet is-serqa. Iżda is-sid preċedenti ta' din il-vettura u li minn fuq ismu inqalbet għal fuq isem l-imputat ma kien ħadd ħlief Peter Paul Sciberras ID 459546M u li joqgħod block F, Flat 7, Triq il-Pepprin, Santa Luċija. Dan huwa l-istess indirizz li fih jirriżulta residenti l-imputat ukoll. F'din il-kawża Paul Sciberras, li ddikjara li huwa missier l-imputat, talab li li ma jixhedx kontra ibnu. Din il-Qorti dato l-grad ta' parentela stretta bejniethom, laqgħet it-talba tiegħu.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li ma kienx Paul Sciberras dik il-persuna li rat Ġuża Debattista u li kien qiegħed isuq il-vettura AJT 111 meta insteraq iċ-ċilindru tal-gass. Iżda minn dawn il-provi aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li seraq iċ-ċilindru tal-gass.

Din il-Qorti hija kostretta tittratta punt ieħor li ħareġ mill-provi u li bi ftit attenzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni setgħa ġie faċilment evitat. Fil-bidu l-Prosekuzzjoni ppremettiet li din is-serqa kienet saret għad-detriment ta' ċerta Dora Esther Towle. Fis-seduta fejn iddikjarat li għalqet il-provi tagħha, il-Prosekuzjoni kienet talbet korrezzjoni ta' din l-imputazzjoni fis-sens li minflok isem Dora Esther Towle, li del resto l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li ma kellha x'taqsam xejn ma din il-kawża, jiġi inserit l-isem ta' Joseph Borg.

Issa mill-provi jirriżulta li Joseph Borg huwa ħaddiem man-negozju tal-familja tax-xhud Ġuża Debattista. Din ix-xhud tgħid li Joseph Borg fil-fatt huwa ħaddiem magħhom, lavrant. Mistoqsija mill-Avukat Difensur lil min kien jappartjeni dan iċ-ċilindru tal-gass, din ix-xhud wieġbet li dan iċ-ċilindru kien "tagħhom". Din hija spjegazzjoni vaga fir-rigward ta' lil min kien jappartjeni verament dan iċ-ċilindru tal-gass.

Il-Prosekuzzjoni tenniet li dan is-serq taċ-ċilindru tal-gass kien sar għad-detriment ta' Joseph Borg. Fil-verita mill-provi rriżulta al menu sal-grad tal-probabbli, li dan iċ-ċilindru tal-gass ma kienx jappartjeni lil Joseph Borg, in kwantu Guża Debattista timplika li kien jappartjeni lil familja estiża tagħha mentri hija ma tinkludix lil Borg fi ħdan din il-familja estiża; iżda tirreferi għalih bħala ħaddiem magħhom. Dan il-fatt għalhekk jista' jinftiehem li ġie maħluqa diskrepanza bejn il-fatt attribwit u l-provi prodotti. Biss din il-Qorti ma tqisx li din hija diskrepanza tali li twassalha li tillibera lill-imputat f'dan il-każ. Dan għar-raġunijiet segwenti : -

Dan hu każ li nbeda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja permezz ta' ċitazzjoni. Hu każ li kien jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali fejn iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat kienet il-bażi tal-iter proċedurali bħala kumpilazzjoni tal-provi għall-eventwali potenzjali ġuri. Fl-istadju opportun l-Avukat Ġenerali għażel li jipproċedi taħt l-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali u bagħat nota tar-rinviju għall-ġudizzju lil din il-Qorti biex f'każ li l-imputat ma jsibx oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, din il-Qorti,

bħala Qorti ta' kriminali ġudikatura tkun tista' tgħaddi għall-ġudizzju tagħha fuq il-meritu tal-każ.

Dan qiegħed jingħad għaliex skont dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs Michael Carter***, deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2001 (per VDG) : -

> Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.

Dan ifisser li f'dak l-istadju hija n-nota ta rinviju għall-ġudizzju li tassumi rwol **<u>simili</u>** għal dak ta' l-att t'akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Simili tfisser li tixbaħ, iżda ma tfissirx li hija identika. Għalhekk wieħed ma jistax iqis att t'akkuża u nota għar-rinviju għall-ġudizzju bħala li huma atti identiċi. Multo magis, loġikament ma jistax jingħad li l-Liġi regolanti l-att tal-akkuża hija applikabbli għall-każ fejn tkun saret nota għar-rinviju għall-ġudizzju mill-Avukat Ġenerali.

Dan iġib bħala konsegwenza li l-imputazzjonijiet kontestati mill-Pulizija, anke fil-qafas ta' proċedura li tkun inbdiet u tkompliet taħt l-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali ma tistax titqies li hija identika għal dik li jsegwi l-att tal-akkuża.

Issa fil-każ ta' meta jkun irid jiġi redatt att t'akkuża, il-proċedura hija waħda ferm aktar solenni u riġida minn dik applikabbli għal ċitazzjoni li tkun preżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Anke meta wieħed

janalizza r-rekwiżiti tal-att tal-akkuża fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali u dak regolanti ċ-ċitazzjoni fl-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali isib differenzi notevoli.

Il-proċedura li għandha quddiemha din il-Qorti hija waħda mibdija u mmexxija in bażi għal ċitazzjoni fejn ir-rekwiżiti tagħha huma misjuba fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -

> (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.
>
> Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Kjarament ma hemm ebda obbligu legali li jitniżżel isem is-suġġett passiv tar-reat. Dan jikkontrasta dak misjub fl-Artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali fejn meta si tratta tal-Att tal-Akkuża jobbliga lill-Avukat Ġenerali li jikteb l-istess Att b'mod li : -

> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u **<u>dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar</u>**, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena;[1]

Kif intqal aktar il-fuq pero din ir-regola msemmija fl-Artikolu 589(c) mhix applikabbli għaċ-ċitazzjoni. Għalkemm iċ-ċitazzjoni tista' tkun il-bażi ta' proċedura li twassal għal ġuri u li tkun tista' wkoll tkun dik il-

[1] Enfażi miżjuda.

proċedura li fuqha l-Avukat Ġenerali jibbaża n-nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tiegħu ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, din għal massimu tassumi rwol simili, iżda mhux identiku għal dak ta' att t'akkuża.[2]

B'hekk l-inklużjoni tal-isem tas-suġġett passiv tar-reat f'att ta' ċitazzjoni ma hux meħtieġ mill-Liġi u għalhekk jekk mhux tassattivament meħtieġ mill-istess Liġi, xi differenza jew diskrepanza fir-rigward ta' dan ma għandhiex tinċidi fuq il-ħtija o meno tal-imputat - dment li din il-ħtija tkun pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fir-rigward tar-reat ipotizzat. Dan qiegħed jingħad għal dawk il-każijiet fejn l-identita personali tas-suġġett passiv ma tkunx tifforma parti integrali mill-elementi tar-reat jew tikkostitwixxi xi kwalifika jew aggravanti tiegħu, fejn allura l-inklużjoni tas-suġġett passiv tar-reat u l-preċiżjoni dwaru issir jew tista' tkun determinanti.

F'dan il-każ ta serq ta' ċilindru tal-gass pero, ftit wieħed jista' jgħid li tagħmel differenza jekk dan iċ-ċilindru kienx proprjeta ta' Joseph Borg jew Ġuża Debattista. Il-fatt determinanti huwa li l-imputat kien jaf għall-liema episodju l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tixlih; li ma kienx xi

[2] Iċ-ċitazzjoni mhix prova fiha nnifisha. Dan japplika wkoll għall-att t'akkuża. Huwa prinċipju legali assodat li l-att tal-akkuża innifsu ma jikkostitwix prova tal-kontenut tiegħu. Anzi l-ġurati għandhom dik il-liberta' (kwalifikata) li biex jaslu għall-verdett tagħhom jistgħu jiddipartixxu minn ċerti dettalji li jkunu inklużi fl-att tal-akkuża u li jistgħu ikunu wkoll żbaljati; u jekk il-provi prodotti juru li l-akkużat ikun wettaq ir-reat/i addebitati lilu skont kif imsemmija fl-att tal-akkuża għajr ħlief għal xi dettalji skorretti, il-ġurati għandhom jistrieħu fuq il-provi li jkunu prodotti lilhom, anke jekk ikun hemm xi diskrepanzi ta' fatti jew ċirkostanzi bejn dak miktub fl-att tal-akkuża u dak pruvat mix-xiehda – dment naturalment li dawn il-fatti ma jkunux determinanti għall-eżistenza u integrita tar-reat innifsu jew elementi tiegħu jew xi aggravju jew kwalifika tiegħu.

episodju differenti minn dak li l-Prosekuzzjoni ipotizzat fiċ-ċitazzjoni tagħha u li għalhekk b'xi mod id-Difiża tiegħu setgħet kienet preġudikata.

Il-Prosekuzzjoni pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li kien l-imputat (identifikat kemm direttament minn Ġuża Debattista kif ukoll indirettament mill-vettura li kien qiegħed isuq), li fid-data, ħin u lok imputati u fiċ-ċirkostanzi spjegati fiha l-imputat wettaq is-serqa taċ-ċilindru tal-gass. Issa jekk dak iċ-ċilindru tal-gass kienx jappartejni lil Ġuża Debattista jew kienx jappartjeni lil Joseph Borg, għall-fini tal-elementi formali tar-reat ta' serq ftit li xejn jimporta. F'moħħu l-imputat kien jaf li dan iċ-ċilindru tal-gass kien proprjeta ta' persuna oħra u setgħa jagħraf li dan ma kienx xi *res derelictae*. F'dan il-każ, il-persuna tas-suġġett passiv tar-reat mhix determinanti għall-fini tal-integrar tar-reat ta' serq f'dan il-każ. Għalhekk il-Qorti tqis li dan ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni għandu jiġi ritenut integrat.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

It-tielet imputazzjoni u ċjoe li fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta ta' 1005hrs ta' filgħaxija ġewwa l-Imsida l-imputat allegatament kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest ma tistax titqies pruvata. Jekk xejn il-Prosekuzzjoni resqet provi fis-sens li l-imputat wettaq reat fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta tal-**<u>1005hrs ta' filgħodu</u>** ġewwa l-Imsida iżda l-Prosekuzzjoni u ma ppruvatx li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest għall-ħabta

ta' **<u>1005hrs ta' filgħaxija</u>** skont kif ġie msemmi fiċ-ċitazzjoni! A differenza ta' dak li intqal aktar il-fuq, id-dettall tal-ħin jista' jitqies li huwa wieħed mill-kriterji li huwa meħtieġ mill-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali (partikolaritajiet ta' żmien) u f'każ bħal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 19 ta' Novembru 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Andre Falzon***, ġie deċiż li : -

> Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
>
> "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"
>
> Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:
>
> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"
>
> Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

**<u>L-addebitu tar-reċidiva</u>**

F'dan il-każ l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Carol Peralta minn fejn jirriżulta li fil-31 t'Ottubru 2012 l-imputat kien instab ħati ta' delitti u ġie kkundannat għall-piena ta' erba' xhur priġunerija sospiżi għal sentejn, għalkemm xejn dwar dan ma jissemma' fiċ-ċitazzjoni! L-isem u l-karta tal-identita msemmija fis-sentenza de quo jaqblu ma dawk tal-imputat. Għalhekk dan ifisser li r-reċidiva imputat ġiet pruvata.

## ***<u>Decide :-</u>***

Li wara li rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali aktar il-fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(e), 269(b), 281, 285, 289, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, għar-raġunijiet premessi il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom filwaqt li ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Kwantu għall-piena il-Qorti qieset li dan kien każ fejn l-imputat għandu fedina penali u kondotta li ma huma xejn eżemplari. Għalkemm huwa ma ġiex akkużat bħala li kkommetta r-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, din il-Qorti xorta ser iżżomm dan il-fatt in

konsiderazzjoni fil-piena tagħha u dan għaliex jidher biċ-ċar li l-imputat ma fehem xejn xi tfisser sentenza ta' priġunerija sospiża. Mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li huwa ingħata diversi opportunitajiet biex ma jkomplix fit-triq tad-delinkwenza. Iżda b'xorti ħażin jirriżulta ċar li l-imputat ma kienx jaf jagħraf li l-ksur tal-Liġi kriminali ma jwaslu imkien.

Għaldaqstant tikkundannah għal perjodu ta' xahrejn priġunerija.

***Mogħtija illum it-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***